# BEATI U QADDISIN...APRIL

## San Guzepp Moscati
## 12 ta' April

Giuseppe Moscati twieled gewwa Benevenuto fil-25 ta' Lulju 1880 minn familja nobbli. Ghex ghal xi snin gewwa Ancona u imbaghad f'Napli billi missieru li kien magistrat kien jehtiglu li jmur minn lokal ghal iehor kull certu zmien. Studja fil-liceo u kompla l-universita' fejn segwa kors tal-medicina. Il-karriera tieghu ta' tabib bdieha fl-isptar gewwa Napli fejn kien jiehu hsieb dawk li ma setghux ifiequ. Kien l-ezempju ta' tabib li jaf x'jigifieri t-tbatija ta' marid u dmirijietu lejn dawk li qed ibatu kien jaqdihom bl-akbar reqqa. Giuseppe kien jghallem il-medicina u jaghmel ricerka xjentifika bl-iskop li din il-fergha taghmel progress kbir ghall-kura u gid tal-morda. Ma kienitx tkun l-ewwel darba li huwa kien joffri is-servizz tieghu mediku b'xejn lil dawk fil-bzonn.



Kien bniedem ta' fidi kbira u ta' talb. Hu miet fit-12 ta' April tas-sena 1927, f'daqqa wahda u halla vojt kbir fis-socjeta' li maghha kien jghix.

Xi nghidu fuq dan il-qaddis? Kien bniedem lajk, figura ta' nisrani mpenjat li kellu l-gheruq tieghu f'hajja ta' fidi kbira li wasslitu biex ikun mgholli ghall-gieh ta' l-artal. Il-kolonni li fuqhom bena' hajtu kienu tnejn: il-kolonna ta' l-imhabba lejn Alla u l-kolonna ta' l-imhabba lejn ghajru. Huwa qaddis ta' zminijietna.

Il-Papa Pawlu VI jitkellem minn dan il-bniedem li " l-missjoni tieghu kienet wahda evangelika billi t-talenti li tah Alla ghamel uzu minnhom ghall-gid tal-batut. Bhala tabib ghen lill-morda, bhala professur gewwa l-Universita' xettel ezempju tajjeb u ta' ammirazzjoni f'dawk li kienu taht il-gwida tieghu biex jitghallmu. Il-figura tal-professur Moscati hija konferma li s-sejha ghal-qdusija hija ghal kulhadd anzi possibli ghal kulhadd". Ikompli jghid il-Papa li l-knisja ma tghejja qatt ixxandar din l-istedina ghall-bnedmin tas-seklu XX.